



Kumitat għas-Sajd

2023/2027(INI)

2.10.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-impatt tas-sajd illegali fuq is-sigurtà tal-ikel – ir-rwol tal-Unjoni
Ewropea
(2023/2027(INI))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Nuno Melo

WERREJ

	Pàġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	7

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-impatt tas-sajd illegali fuq is-sigurtà tal-ikel – ir-rwol tal-Unjoni Ewropea (2023/2027(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-istudju tal-2022 mill-Kummissjoni bit-titlu “Studju dwar l-oqfsa leġislattivi u s-sistemi ta’ infurzar tal-Istati Membri rigward l-obbligi u s-sanzjonijiet għaċ-ċittadini b’rabta mal-ksur tar-regoli li jirriżultaw mir-Regolament IUU”,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 20/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tas-26 ta’ Settembru 2022, bit-titlu “Azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra s-sajd illegali – Hemm sistemi ta’ kontroll fis-seħħ iżda huma mdgħajfa minħabba kontrolli u sanzjonijiet mhux uniformi applikati mill-Istati Membri”, li jkopri l-politika tal-UE dwar il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar,
- wara li kkunsidra l-Ftehim tal-1995 tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) biex jippromwovi l-osservanza tal-miżuri internazzjonali ta’ konservazzjoni u ta’ ġestjoni minn bastimenti tas-sajd f’ibħra internazzjonali.
- wara li kkunsidra l-Ftehim tan-NU tal-1995 dwar il-Ħażniet ta’ Ħut,
- wara li kkunsidra l-Kodiċi ta’ Kondotta tal-FAO tal-1995 għal Sajd Responsabbli,
- wara li kkunsidra l-Pjan ta’ Azzjoni Internazzjonali tal-FAO tal-2001 għall-Prevenzjoni, l-Iskoraġġiment u l-Eliminazzjoni tas-Sajd Illegali, Mhux Rappurtat u Mhux Regolat,
- wara li kkunsidra l-Ftehim tal-FAO tal-2009 dwar Miżuri tal-Istat tal-port li Jimpedixxu, Jiskoraġġixxu u Jeliminaw is-Sajd Illegali, mhux rappurtat u Mhux Regolat,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida Volontarji tal-FAO għall-Prestazzjoni tal-Istat tal-Bandiera tal-2014,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Koalizzjoni tas-Sajd IUU tal-UE ta’ Diċembru 2021 bit-titolu “Seafood traceability: Aligning RFMO catch documentation schemes to combat IUU fishing” (Traċċabbiltà tal-Frott tal-Baħar: nallinjaw l-iskemi tad-dokumentazzjoni tal-qbid tal-RFMOs biex nikkumbattu s-sajd IUU),
- wara li kkunsidra l-parir konġunt tal-Kunsill Konsultattiv għas-Swieq u tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta’ Distanzi Twal tal-21 ta’ April 2023 dwar il-ħtieġa ta’ kontrolli armonizzati tal-importazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jiġi evitat li l-prodotti tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) jidħlu fis-suq tal-Unjoni Ewropea,

- wara li kkunsidra d-dokument ta' gwida tal-FAO tal-2023 bit-titlu “Advancing end-to-end traceability — Critical tracking events and key data elements along capture fisheries and aquaculture value chains”, (Avvanz tat-traċċabbiltà minn tarf sa tarf — Avvenimenti kritiċi ta' traċċar u elementi ewlenin tad-data tul il-ktajjen tal-valur tas-sajd tal-qbid u tal-akkwakultura),
 - wara li kkunsidra l-linja gwida teknika tal-FAO tal-2023 bit-titlu “Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni, l-Iskoraggjiment u l-Eliminazzjoni tas-Sajd Illegali, Mhux Rappurtat u Mhux Regolat — 1. Metodoloġiji u indikaturi għall-istima tad-daqs u l-impatt tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat: 1.1 Prinċipji u approċċi”,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0000/2023),
- A. billi l-UE hija attur globali ewlieni fis-sajd kemm minħabba l-flotta tas-sajd tagħha (li tammonta għal madwar 73 000 bastiment) kif ukoll minħabba l-pożizzjoni tagħha bħala l-akbar importatur fid-dinja ta' prodotti tas-sajd (kważi 70 % tal-prodotti tal-frott tal-baħar ikkunsmati fl-UE huma importati, li jirrappreżentaw 34 % tal-kummerċ dinji totali fil-valur), u għalhekk għandha rwol ċentrali fil-ġlieda kontra s-sajd IUU madwar id-dinja;
- B. billi s-settur tas-sajd fl-UE jimpjega 124 000 sajjied direttament u jġġenera EUR 6.3 biljun fi dħul kull sena;
- C. billi l-UE kienet impenjata li tilħaq il-mira 14.4 tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli, li kellha ttemm is-sajd IUU sal-2020;
- D. billi l-Artikolu 12 tar-Regolament dwar is-Sajd IUU¹ jipprojbixxi l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd miksuba minn sajd IUU;
- E. billi erba' pajjiżi terzi bħalissa għandhom karta ħamra u tmienja għandhom karta safra; billi, madankollu, produttur ewlieni tal-frott tal-baħar, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, qatt ma kien soġġett għal proċedura skont ir-Regolament IUU minkejja evidenza konsiderevoli tal-involviment sinifikanti u dejjem jikber tiegħu fis-sajd IUU;
- F. billi l-UE għandha qafas robust tal-leġiżlazzjoni dwar is-sajd, inklużi miżuri biex jittejbu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ, spezzjoni, kontroll u sorveljanza użati biex jiġi miġġieled is-sajd IUU;
- G. billi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd ipprova appoġġ għall-attivitajiet ta' monitoraġġ, kontroll u infurzar, b'baġit totali ta' EUR 580 miljun allokat għal dan;

¹ [wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill \(KE\) Nru 1005/2008 tad-29 tav Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti \(KEE\) Nru 2847/93, \(KE\) Nru 1936/2001 u \(KE\) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti \(KE\) Nru 1093/94 u \(KE\) Nru 1447/1999 \(ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1\).](#)

- H. billi r-Rapport Speċjali 20/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jikkonkludi li s-sistemi ta' kontroll huma mdgħajfa minħabba kontrolli u sanzjonijiet mhux uniformi applikati mill-Istati Membri;
- I. billi d-diġitalizzazzjoni taċ-ċertifikati tal-qbid IUU permezz tas-sistema tal-IT CATCH se tnaqqas l-opportunitajiet għall-importazzjonijiet frawdolenti;
- J. billi l-prodotti li jirriżultaw mis-sajd illegali jgħolqu riskju għas-sigurtà tal-ikel taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea;
1. Jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jieħdu approċċ ta' tolleranza żero għas-sajd IUU, billi japplikaw dan l-approċċ b'mod ugwali għall-pajjiżi kollha, irrispettivament mid-daqs, u jipromwovu sajd sostenibbli bl-għan li jiġi miġġieled is-sajd eċċessiv u tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel;
 2. Jitlob l-applikazzjoni tal-linji gwida tal-UE biex jiġi ddeterminat kif l-aħjar tittejjeb l-implimentazzjoni tar-Regolament IUU tal-UE fl-Istati Membri li jonqsu milli jirrispettaw ir-rekwiżiti tar-Regolament u kif l-aħjar tiġi vverifikata l-informazzjoni pprovduta fir-rapporti biennali;
 3. Ihegġegħ lill-Istati Membri jallokaw biżżejjed kapaċità u riżorsi biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-kontrolli tal-importazzjoni;
 4. Jenfasizza li l-Kummissjoni jeħtiġilha tipprovdi appoġġ adegwat lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-kontroll tal-importazzjonijiet tal-frott tal-baħar, filwaqt li tinnotta li dan l-appoġġ jista' jinkludi, fejn disponibbli, l-elaborazzjoni ta' lista tal-miżuri ta' ġestjoni u konservazzjoni li japplikaw f'pajjiżi mhux tal-UE u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dettaljata dwar in-nuqqasijiet identifikati fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament IUU tal-UE fir-rigward ta' pajjiżi mhux tal-UE;
 5. Jenfasizza li l-Kummissjoni jeħtiġilha tipprovdi, flimkien mal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd u f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, appoġġ ulterjuri lill-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward ta' kif l-aħjar jiġi implimentat ir-Regolament IUU, u dan l-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' gwida, skambji ta' Prattiki tajba, taħriġ, u simili;
 6. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tkompli tistinka għall-applikazzjoni u l-implimentazzjoni konsistenti tal-proċeduri ta' kontroll tal-importazzjoni madwar l-UE, inklużi l-kontrolli taċ-ċertifikati tal-qbid, approċċ ibbażat fuq ir-riskju u verifiki;
 7. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġu armonizzati l-kontrolli tal-importazzjoni fl-Istati Membri kollha sabiex jiġi evitat li prodotti tas-sajd IUU jidħlu fis-suq tal-UE;
 8. Ihegġegħ lill-Kummissjoni taħdem malajr biex tiżgura li s-sistema tal-IT CATCH tkun kompletament operattiva u li l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri jkunu kompletament familjari mal-użu tagħha fi żmien sentejn mid-data tal-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tar-Regolament rivedut dwar il-Kontroll tas-Sajd;
 9. Jitlob lill-Kummissjoni tagħmel mezz li jkollha biżżejjed riżorsi umani sabiex tiżgura twassil aktar rapidu u effettiv tas-sistema tal-IT imsemmija hawn fuq fl-Istati Membri;

10. Jilqa' l-istabbiliment tas-sistema l-għdida tal-IT CATCH bis-saħħa tar-Regolament rivedut dwar il-Kontroll tas-Sajd;
11. Ihegġegħ l-inklużjoni rapida ta' kriterji tar-riskju u kontroverifiki tad-data aktar komprensivi fl-iterazzjonijiet li jmiss tas-sistema tal-IT CATCH, kif irrakkomandat mill-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal; iqis li sabiex tiġi żgurata tellieqa sal-quċċata, il-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-valutazzjoni tar-riskju applikata fil-CATCH tkun mill-inqas dettaljata daqs dawk applikati fl-Istati Membri li diġà għandhom sistema elettronika biex jivverifikaw iċ-ċertifikati tal-qbid; iqis li sadanittant, il-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li jkun hemm interoperabbiltà bejn il-CATCH u s-sistemi tal-IT nazzjonali mingħajr ma żżid il-piż fuq l-operaturi ekonomiċi;
12. Ihegġegħ lill-Kummissjoni żżid l-għadd ta' persunal li jaħdem fuq il-governanza tal-oċeani u s-sajd IUU fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd tal-Kummissjoni;
13. Ihegġegħ lill-Istati Membri jiżguraw li l-proċeduri meħtieġa jiġu stabbiliti bi tħejjija għall-adozzjoni legali tas-sistema tal-IT CATCH u jiżguraw li s-sistema tkun lesta għall-użu malajr kemm jista' jkun;
14. Ihegġegħ lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi ta' kontroll tagħhom għall-prevenzjoni tal-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd illegali u jieħdu l-azzjoni meħtieġa;
15. Ihegġegħ lill-Istati Membri japplikaw sanzjonijiet dissważivi kontra s-sajd illegali;
16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżommu lura milli jagħtu aċċess preferenzjali għas-suq lin-nazzjonijiet assoċjati ma' prattiki tas-sajd IUU u ksur serju tax-xogħol; iqis li l-UE għandha tistinka biex tistabilixxi kundizzjonijiet ekwi ġenwini bejn il-frott tal-baħar prodott fl-UE u dak prodott f'pajjiżi terzi; iqis li b'mod speċifiku, l-istrument awtonomu tal-kwoti tariffarji għandu jintuża esklużivament f'każijiet fejn il-provvista tal-frott tal-baħar għas-swieq tal-UE ma tkunx biżżejjed u li ma għandux jintuża biex jiġu importati prodotti li ġejjin minn sajd IUU jew biex issir pressjoni fuq il-prezzijiet ta' prodotti manifatturati fl-UE;
17. Ihegġegħ lill-Istati Membri jtejbu l-kondiviżjoni sistematika u f'waqtha tal-informazzjoni, inkluż dwar kunsinni rifjutati, biex b'hekk jippermettu lill-awtoritajiet japplikaw u jinfurzaw aħjar il-liġi; jissottolinja li l-Ftehim tal-FAO dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port jista' jassisti f'dan ir-rigward;
18. Jenfasizza li l-iskemi multilaterali tad-dokumentazzjoni tal-qbid li huma mfassla u maqbula mill-partijiet kontraenti tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u mill-partijiet mhux kontraenti li jikkooperaw, u li jirrikjedu li informazzjoni kritika dwar kunsinna tiġi rreġistrata u trasferita tul il-katina tal-provvista, urew li huma għodod effettivi għat-titjib tat-traċċabbiltà u jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra s-sajd IUU;
19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

L-Unjoni Ewropea (UE), tinsab f' sitwazzjoni unika bħala waħda mill-aktar atturi globali importanti fis-sajd, kemm minħabba l-preżenza estensiva tas-sajd tagħha fl-oċeani kif ukoll minħabba l-pożizzjoni tagħha bħala importatur primarju ta' prodotti tas-sajd. B'madwar 73,000 bastiment li jtajru l-bandiera tagħha u rata ta' importazzjoni impressjonanti, fejn kważi 70 % tal-frott tal-baħar ikkunsmat jiġi minn barra, l-influwenza tal-UE fuq il-prattiki tas-sajd globali ma tistax tiġi sottovalutata. Din il-pożizzjoni dominanti tfisser li l-UE għandha wkoll responsabbiltà sinifikanti fit-tfassil u l-promozzjoni ta' Prattiki sostenibbli fis-settur.

Bħala Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) u firmatarja ta' diversi ftehimiet internazzjonali importanti oħra, l-UE dejjem kellha d-dmir li tissalvagwardja r-riżorsi tal-baħar. Dawn id-dispożizzjonijiet jenfasizzaw ir-responsabbiltà tal-istati kollha biex jiżguraw ġestjoni sostenibbli tal-baħar u biex jikkollaboraw lejn dan l-għan kondiviż.

Is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) joħloq theddida sinifikanti għall-ekosistemi tal-baħar, għall-benesseri soċjoekonomiku tal-komunitajiet dipendenti mis-sajd, għar-reputazzjoni globali tas-settur tas-sajd, u għall-isforzi internazzjonali għal governanza mtejbja tal-oċeani.

L-enormità tar-riperkussjonijiet ekonomiċi hija evidenti meta wieħed iqis il-firxa ta' impjieg iġġenerati mis-settur fil-komunitajiet kostali — aktar minn 124,000 impjieg dirett — u d-dħul notevoli li dan iġib għat-teżor tal-UE — EUR 6.3 biljun fis-sena. L-introduzzjoni ta' prodotti mis-sajd IUU fis-suq tipperikola dan il-kontribut ekonomiku. Mhux talli l-operazzjonijiet illegali jċaħħdu lill-istati mid-dħul, iżda talli jeħtieġu wkoll żieda fl-ispejjeż għall-monitoraġġ, l-ispezzjoni u l-miżuri ta' kontroll biex jiġi miġġieled is-sajd IUU.

Minħabba r-rwol ċentrali tagħha fis-suq globali tal-frott tal-baħar, l-Unjoni Ewropea tinsab f'pożizzjoni unika biex issawwar u tmexxi l-prattiki tas-sajd internazzjonali sostenibbli. L-impenn tal-UE għas-sostenibbiltà fis-settur tas-sajd mhuwiex biss tħassib ekonomiku jew ambjentali; hija kwistjoni ta' sigurtà tal-ikel. Peress li l-maġġoranza tal-frott tal-baħar jiġi importat, l-iżgurar li dawn l-importazzjonijiet jinkisbu b'mod sostenibbli u legali huwa vitali għas-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini tiegħu.

Għalkemm l-UE għandha oqfsa regolatorji robusti, bħall-allokkazzjoni ta' EUR 580 miljun mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd biex tappoġġa l-attivitajiet ta' monitoraġġ u kontroll, għad hemm sfidi. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fir-rapport tal-2022 tagħha, ssuġġeriet li l-Istati Membri qed jikkontrollaw u jissanzjonaw b'mod inkosistenti u żvelat xquq fis-sistema li hemm bżonn li jiġu indirizzati b'mod urġenti.

Għall-UE, it-triq 'il quddiem hija multidimensjonali. Id-diġitalizzazzjoni taċ-ċertifikati tal-qbid IUU permezz tas-sistema tal-IT CATCH, pereżempju, hija pass promettenti fid-direzzjoni t-tajba. Din is-sistema għandha l-għan li tnaqqas l-importazzjonijiet frawdolenti u tiżgura konformità aktar stretta mar-regolamenti tal-UE.

Barra minn hekk, it-trawwim ta' kollaborazzjonijiet aktar mill-qrib ma' pajjiżi terzi, li ħafna minnhom huma produtturi sinifikanti tal-frott tal-baħar, huwa kruċjali. Dawn is-sħubijiet se

jiżguraw li l-prodotti importati jissodisfaw l-istandards stretti tal-UE u li l-pożizzjoni tal-blokk kontra s-sajd IUU hija relatabbli globalment.

B'mod partikolari, is-sistema tal-karti tal-UE wriet li hija utli. Bħalissa hemm erba' pajjiżi terzi li għandhom karta ħamra u tmien pajjiżi li għandhom karta safra. Madankollu, produttur ewlieni tal-frott tal-baħar, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (RPĊ), qatt ma kien soġġett għal regolamenti IUU, minkejja evidenza konsiderevoli tal-involviment sinifikanti u dejjem akbar ta' dan il-pajjiż fis-sajd IUU.

Minħabba li l-operaturi IUU kontinwament ifittxu lakuni fl-oqfsa eżistenti, huwa essenzjali għall-UE li żżomm approċċ dinamiku u proattiv biex tissalvagwardja l-impenn tagħha lejn is-sajd sostenibbli u s-sigurtà globali tal-ikel.

L-UE għandha r-responsabbiltà li tkun minn ta' quddiem fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

B'hekk, hija tkun tista' tiżgura mhux biss il-futur tal-ekosistemi tal-baħar tagħha u l-għajxien li jappoġġaw iżda wkoll tikkonsolida l-pożizzjoni tagħha bħala promotur globali għal prattiki tas-sajd sostenibbli u responsabbli. Biex dan iseħħ, huwa kruċjali għall-UE u għall-Istati Membri li jkomplu jimplimentaw u b'mod speċjali jippromwovu diversi miżuri madwar id-dinja:

- Jippromwovu t-tolleranza zero għas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, filwaqt li jiġi żgurat li l-pajjiżi kollha jiġu trattati bl-istess mod, irrispettivament mid-daqs, u jiġi promoss is-sajd sostenibbli, jiġi miġġieled is-sajd eċċessiv, u tiġi ggarantita s-sigurtà tal-ikel.
- Jimplimentaw il-kontrolli armonizzati tal-importazzjoni fost l-Istati Membri għall-prevenzjoni tad-dħul ta' prodotti tas-sajd IUU fis-suq tal-UE.
- Jinkoraġġixxu lill-Kummissjoni biex tiżgura li s-sistema tal-IT CATCH tkun kompletament operattiva u li l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri jkunu familjari sew mal-użu tagħha, sentejn wara l-implimentazzjoni tar-regolament rivedut dwar il-kontroll tas-sajd.
- Ikunu ċerti li għandhom biżżejjed riżorsi umani biex jippromwovu implimentazzjoni aktar rapida u aktar effiċjenti tas-sistema tal-kompjuter CATCH fl-Istati Membri.
- Iżidu l-għadd ta' persunal fid-DĠ MARE għall-governanza tal-oċeani u s-sajd IUU.
- Itejbu s-sistemi ta' kontroll u l-miżuri meħtieġa adottati mill-Istati Membri biex jipprevjenu l-importazzjoni ta' prodotti minn sajd illegali.
- Jinkoraġġixxu lill-Istati Membri japplikaw sanzjonijiet deterrenti kontra s-sajd illegali.
- Iwissu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżommu lura milli jagħtu aċċess preferenzjali għas-suq lin-nazzjonijiet marbuta mas-sajd IUU u ma' ksur serju tax-xogħol.
- Iħeġġu lill-Istati Membri jtejbu l-kondiviżjoni sistematika u f'waqtha ta' informazzjoni, inkluż vjeggì rifjutati, li jippermettu lill-awtoritajiet jinfurzwaw il-leġislazzjoni b'mod aktar effettiv; jenfasizzaw li l-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port jista' jassisti f'dan il-qasam.

- Jenfasizzaw li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni tal-qbid (CDS), imfassla u maqbula mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO), li jeħtieġu li informazzjoni kritika dwar il-vjeġġi tiġi rreġistrata u trasferita tul il-katina tal-provvista, huma għodod ippruvati biex itejbu t-traċċabbiltà u jgħinu fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.